# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 11 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 61/01**

**Numru**

**Anna Antignolo ghan-nom tal-kumpanija C & H Bartoli Ltd**

**vs**

**Rinella Entertainment Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici nomine talbet sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata thallas lill-istess attrici nomine is-somma ta' Lm662.43,0 (sitt mija tnejn u sittin liri Maltin tlieta u erbghin centezmi) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala prezz ta' affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-kcina, komprizi sink, platti, tazzi u pozati, mibjugha u kkonsenjati lill-kumpanija konvenuta kollox skond l-istatement anness mal-avviz Dok A u l-

invoices annessi mal-avviz u markati Dok 1 sa 17, liema somma l-kumpanija konvenuta accettat li hija dovuta( Doc B).

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta' qbid kontestwali u bl-imghax ta' 8% mill-31 ta' Lulju 2000, data tal-ahhar bejgh kontra l-kumpanija konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz (fol 2 sa fol 20 tal-atti).

Rat dak verbalizzat a fol 27 u 28 ibid.

Rat in-nota tal-istess attrici nomine presentata illum stess 'seduta stante' u li biha l-ammont specifikat fl-avviz gie ridott ghal Lm5.18,0 stante pagament waqt li l-attrici nomine zammet ferm ukoll, fuq l-imghax u l-kap tal-ispejjes.

Ikkunsidrat

Illi:

a) is-socjeta konvenuta qatt ma kkontestat l-ammont, pretiz fl-avviz in esami, mill-attrici nomine;

b) l-istess Anna Antignolo,meta xehdet illum stess, ikkonfermat li, meta gie presentat l-avviz, l-istess ammont kien ghadu dovut mis-socjeta konvenuta u li sallum, kien ghad hemm dovut l-ammont ta' Lm5.18,0 stante pagamenti, li saru fil-mori tal-kawza minghajr ma gew indikati d-dati ta' meta sar il-hlas (ara l-imsemmija nota ta' riduzzjoni kif ukoll dak verbalizzat a fol 27 u 28 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta in rigward l-ammont ta' Lm5.18,0.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attrici nomine s-somma ta' Lm5.18,0 bl-imghax legali mill-31 ta' Lulju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju tas-26 ta' Jannar 2001 imsemmi fl-avviz; b'riserva ghal kull ammont ulterjuri dovut bhala imghax.

Alan Calleja
Deputat Registratur